TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Kaz Nru 1281

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Paul Zammit
u
Mira Group of Companies

Dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Decizjoni Numru 1365

Illum 10 ta' Dicembru 2002.

Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD (UK).

INTRODUZZJONI

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 30 ta' Settembru, 1998 b'riferenza MSP/TI/74/98 biex tigi processata skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Appellant Paul Zammit kien assistit mill-avukat John Refalo, waqt li Mira Group of Companies kienet rapprezentata mis-Sur Joe Zammit assistit mill-avukat George Abela u mill-Avukat Stephen Muscat.

ECCEZZJONIJI PRELIMINARI

Fl'istqarrija tal-kaz, is-Socjeta' intimata da parti taghha ssolevat eccezzjoni preliminari fejn qalet, illi preliminarjament l-Appellati jirrelevaw illi l-kaz kif propost huwa insostenibbli u ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellant u dan principalment ghal zewg ragunijiet li huma -:

1) Illi ma tezisti l-ebda socjeta', kumpanija, ghaqda jew korp iehor ta' persuni, b'personalita' guridika jew le, li topera taht l-isem ta' MIRA Group of Companies, u ghalhekk l-imsemmija entita' ma tistax tagixxi bhala parti fil-kaz odjern u ghanda tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.
2) Il-Kumpanija Appellata ssolevat eccezzjoni preliminari ohra fis-sens, li bejn ir-rikorrent Paul Zammit u l-istess entita' ma tezistix relazzjoni ta' xoghol u dan anki fis-socjetajiet formati parti mill-Group of Companies fejn hu kellu l-kariga ta' Direttur u dan kif jirrizulta mir-records ta' 'l-Employment and Training Corporation' u ghalhekk ir-relazzjoni bejn il-kontendenti hija regolata mill-Att Nru XXV ta' 1995 dwar il-Kumpaniji. Ghaldaqstant, hu ma kienx impjegat tal-Kumpanija. Ma dan, ir-rikorrent huwa meqjus bhala self-employed u ghalhekk ma japplikax l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg (Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta), li tipprospetta rabta bejn tnejn jew iktar nies fi 'ftehim,..., li bih persuna tintrabat li taghmel servizz lil jew tahdem ghal principal...'.

Fid-dikjarazzjoni tieghu l-Appellant jghid, li kien impjegat mal-Grupp ta' kumpaniji bhala Direttur u liema grupp ta' Kumpaniji inkwistjoni hi formata minn Holding Company, cioe MIRA Holdings Ltd, u minn diversi sussidjarji li huma MIRA Cars Ltd, MIRA Estates Ltd, MIRA Motors Ltd, Associated Motors Ltd, VPJ Ltd, VPJ International, Zamtug Ltd, Karisitu Ferries Ltd, Euch. Zammit Co Ltd. u Zammit Automobiles Ltd. Huwa jkompli jghid, li hu wkoll azzjonista fil-Kumpanija MIRA Holdings Ltd, Associated Motors Ltd u dan flimkien ma huthu Victor u Joseph u il-

Holding Company MIRA holdings Ltd., li hi l-azzjonista maggoritarja fil-kumpanji kollha formati parti mill-Grupp. Huwa jkompli jghid, li sa minn mindu kienu saru huma t-tlieta biss bhala azzjonisti tas-socjeta MIRA Holdings Ltd. kien impjegat bhala Direttur tal-Kumpaniji kollha formati parti mill-grupp.

L-esponent ikompli jghid fl'istqarrija tal-kaz tieghu, li ir-relazzjoni li kellu ma hutu bdiet sejra hazin sa ma waslet biex huthu bdew ghal proceduri sabiex jipprokuraw it-terminazzjoni tal-impieg tieghu u dan kemm minn mal-Kumpanija MIRA Holdings Ltd, kif ukoll minn mal-kumpaniji kollha membri tal-Group. Ghaldaqstant, gew imsejha divesi laqghat Generali annwali bl-iskop tat-tnehhija mill-impieg tieghu bhala Direttur. Dan irrizulta, li b'permezz ta' rizoluzzjoni tas-socjeta MIRA Holdings Ltd tat-8 ta' Mejju 1998 gie tterminat l-impieg tieghu bhala direttur ta' din il-Kumpanija. Sussegwentement, is-Socjeta MIRA holdings Ltd sejhet u zammet laqghat generali tal-Kumpaniji sussidjarji taghha u permezz ta' rizoluzzjonijiet mehuda fid-29 ta' Mejju 1998, ipprokurat it-terminazzjoni tal-impieg tieghu bhala direttur ta dawn il-Kumpaniji. L-Appellant jghalaq id-dikjarazzjoni tal-kaz tieghu billi jghid, li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu saret b'mod ingust.

It-Tribunal Industrijali ghamel is-soltu appell lill-partijiet biex forsi jintlahaq qbil u kien hemm diversi tentattivi, fejn anke l-istess partijiet f'diversi okkazzjonijiet talbu ghal differimenti fit-tul sabiex forsi jsibu soluzzjoni. Izda, peress li qbil ma ntlahaqx bejn il-partijiet, it-Tribunal Industrijali ghadda biex jittratta l-Eccezzjonijiet Preliminarji sollevati mill-Kumpanija Appellata.

PROVI

It-Tribunal Industrijli beda biex jitratta l-eccezzjoni preliminarji dwar l-'Occhio' tal-kaz u ezamina l-ittra tal-Ministru li permezz taghha il-kaz gie riferit quddiem it-Tribunal Industrijali, liema ittra datata 30 ta' Settembru, 1998, riferenza MSP/TI/74/98 fejn hemm indikat id-Dettalji tat-talba fir-rigward ta' Isem il-principal

li kienet MIRA Group Of Companies. It-Tribunal Industrijali ezamina wkoll it-talba li saret minn Dr John Refalo ghan-nom ta' l-appellant, liema ittra hija datata 22 ta' Settembru 1998, u li intbghatet lill-Ministru tal-Politika Socjali, kienet tghid ' I am instructed by my client Mr. Paul Zammit of 28, Triq il-Kuncizzjoni Lija, to bring to your attention the fact that his employment as a Director/Manager with all the Companies members of MIRA Group of Companies, that is MIRA Holdings Limited of 148, Rue D'Argens Msida and its subsidiaries, Associated Motors Limited, VPJ Limited, VPJ International, Zammit Automobiles Limited, Mira Motors Sales Limited, MIRA Cars Limited, MIRA Estates Limited, Euch. Zammit Co Ltd, Zamatug Limited, Karistu Ferries Limited, all of 148, Rue D'Argens, Msida has been terminated'.

Matul it-trattzzjoni tal-kaz it-Tribunal Industrijali ezamina wkoll diversi xhieda u dokumenti relevanti rigward ir-relazzjoni ta' l-appellant ma diversi kumpaniji inkwestjoni fejn gie stabilit, li l-Appellant kien gie rimoss minn Direttur tal-Kumpanija Mira Holdings Ltd fit-8 ta' Mejju 1998. Ma dan, fid-29 ta' Mejju 1998, l-Appellant gie wkoll imnehhi minn Direttur ta' diversi Kumpaniji ohra li kienu; VPJ Internationl Ltd., VPJ Ltd., Zamtug Ltd., Karistu Ferries Ltd., Mira Estates Ltd., Zammit Automobiles Ltd., Euch. Zammit Co. Ltd., Mira Motor Sales Company Ltd. u Associated Motors Company Limited.

Fatti ohra li gew stabiliti quddiem it-Tribunal Industrijali kienu, li gew ipprezentanti dokumenti fejn jindikaw li l-appellant beda fin-negozju tal-familja ma' E. Zammit and Sons Ltd fl'1 ta' Mejju 1962 u maz-zmien inhatar Direttur ma diversi Kumpaniji. Gie wkoll stabilit li huwa jhallas il-Kontribuzzjoni Socjali tal-Klassi ta' "self-employed". Quddiem it-Tribunal Industrijali gie stabilit ukoll, li l-appellant ma kellux kuntratt ta' impieg mal-Kumpaniji involuti u ghall-finijiet tal-Korporazzjoni Impiegi u Tahrig (ETC) huwa klassifikat fil-kategorija ta' 'Self-Occupied'. Mill-provi jirrizulta wkoll li mis-sena 2000, wara ftehim li sar ma l-ahwa l-appellant beda jircievi remunirazzjoni ta' LM2000 fix-xahar.

DECIZJONI

It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar l-eccezzjoni preliminarji sollevata mill-Kumpanija Appellata u jibda biex jitratta l-eccezzjoni dwar l-'Occhio'. F'dan ir-rigward gie stabilit, li l-proceduri inizjali mibdija mill-appellant skond l-ittra datata 22 ta' Settembru 1998, hemm indikat l-ismijiet ta' diversi Kumpaniji li ried li jibda proceduri fil-konfront taghhom, liema ismijiet ma gewx inkluzi fl 'Occhio' ta' l-ittra tal-Ministru datata 30 ta' Settembru 1998. Ghaldaqstant, f'dan ir-rigward it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li zball amministrattiv m'ghandux ibghati bih l-appellant u invista ta' dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li l-'Occhio' tal-kaz Nru 1281 ghandu jigi korrett u jaqra ' Fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn Paul Zammit u MIRA Group of Companies, that is MIRA Holdings Limited and its subsidiaries, Associated Motors Limited, VPJ Limited, VPJ International, Zammit Automobiles Limited, MIRA Motors Sales Limited, MIRA Cars Limited, MIRA Estates Limited, Euch. Zammit Company Limited, Zamtug Limited, Karistu Ferries Limited' dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Rigward l-eccezzjoni preliminarji l-ohra, dwar ir-relazzjoni li kellu l-appellant mal-Kumpaniji inkwestjoni jirrizulta, li l-appellant ma kellux kariga ohra ghajr dik ta' Direttur ma diversi kumpanji citati hawn fuq. Ghaldaqstant, f'dan l-aspett it-Tribunal Industrijali kellu jezamina l-pozizzjoni ta' Direttur f'socjeta' kif jirrizulta minn Kap 386 artiklu 140 (1) tal-ligi ta' Malta dwar il-Kumpaniji ta' 1995 li jghid 'Kumpanija tista' tnehhi direttur qabel ma jghaddi z-zmien tal-kariga tieghu b'rizoluzzjoni li tittiehed f'laqgha generali tal-kumpanija u mghoddija minn membru jew membri li jkollhom il-jedd li jattendu ghaliha u jivvotaw, li flimkien ikollhom mhux inqas minn hamsin fil-mija tal-valur nominali ta' l-azzjonijiet rapprezentati u li jaghtu l-jedd ghal vot fil-laqgha'. Ghaldaqstant, dan l-artiklu jindika, kif jigu mnehhija id-Diretturi li jsir permezz ta' rizoluzzjoni mehuda waqt laqgha generali, fejn hawn jista jigi ezercitat id-dritt li tnehhi Direttur jew Diretturi, anke jekk ma jkunx ghadu/hom ghalaqlu/hom z-zmien tal-hatra tieghu/hom. Dan juri, li ir-relazzjoni bejn l-azzjonisiti u d-Diretturi hija wahda fiducjara u madatorja. Ghaldaqstant, il-mandatt li ghandhom id-Diretturi

huwa li jistghu jibqaw fil-kariga sakemm jew jibqaw igawdu il-fiducja ta' l-azzjonisti, jew sakemm jibqa' jidhrilhom l-istess azzjonisti. Dan ifisser, li ir-relazzjoni li ghandhu Direttur mhix ibbazata fuq kuntratt ta' xoghol bhalma hija bbazata ir-relazzjoni bejn principal u impjegat, izda ir-relazzjoni bejn l-azzjonisti u id-Diretturi hija bbazata fuq aspetti fiducjarji u mandatorji u ghalhekk l-azzjonijisti ghandhom id-dritt esklussiv li jinnominaw jew jibdlu persuna tal-fiducja taghhom biex tamministralhom hwejjighom.

Aspett iehor li jikkunsidra it-Tribunal Industrijali biex jistabilixxi ir-relazzjoni ta' l-appellant mal-Kumpanji inkwestjoni, huwa l-aspett dwar il-Kontribuzzjoni tas-Sigurata Socjali. It-Tribunal Industrijali hu tal-fehema, li wiehed mir-rekweziti biex tigi stabilita ir-relazzjoni li persuna ghandha mal-Kumpanija hija dik kif tigi mhallsa il-Kontribuzzjoni tas-Sigurta Socjali. Fil-kaz inkwestjoni gie stabilit, li l-appellant ihallas il-Kontribuzzjoni mhux dik li tigi mhallsa minn impjegat fejn parti mill-kontribuzzjoni titthallas mill-Kumpanija u parti ohra tithallas mill-impjegat, izda l-appellant ihallas il-Kontribuzzjoni tas-Sigurta Socjali dik ta' "Self-employed". Ma l-dan, aspett iehor li t-Tribunal Industrijali jikkunsidra huwa dak fejn gie stabilit li l-appellant ghall-finijiet tal-Korporazzjoni ta' l-Impiegi u Tahrig (ETC) huwa klassifikat fil-kategorija ta' 'Self Occupied' u mhux ikkunsidrat bhala haddiem impjegat.

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet tal-partijiet, ra u ezamina d-dokumenti esebiti, sema' x-xhieda prodotti, isib li ghar-ragunijiet ga elenkati jiddeciedi li l-appellant ma kienx impjegat tal-Kumpaniji inkwestjoni u ghalhekk jilqa' din l-parti ta' l-eccezzjoni preliminarji sollevata mill-Kumpanija Appellata rigward, li ir-relazzjoni li kellu l-appellant mal-Kumpaniji imsemmija ma kienitx ta' impjegat. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal Industrijali jiddikjara li m'ghandux il-kompetenza li jisma' dan il-kaz u ghalhekk ma hemmx lok ghal proceduri ulterjuri u l-kaz huwa maghluq.

Ghall-finijiet tal-Avviz Legali Nru 48 tal-1986, it-Tribunal Industrijali jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' LM40 (erbghin lira Maltija) kull wiehed.

Harold Walls
Chairman

Vince Micallef
Segretarju